**26 ta' Mejju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt, LL.D.**

Paolo Gatt ne.

*versus*

Giuseppe Vella

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Data tal-Iskadenza tal-Kiri — Sentenza — Nullità — Appell — Kwistjoni ta' Dritt.**

*F'talba li biha s-sid jitlob li jiġi awtorizzat jieħu lura taħt idejh il-fond mikri lill-intimat, id-data ta' meta tagħlaq il-lokazzjoni hija element sostanzjali tat-talba; u għalhekk dik it-talba, mingħajr dik l-indikazzjoni, hija nulla.*

*Imma l-allegazzjoni tan-nullità ta' dik it-talba quddiem il-Bord tal-Kera ma tfisserx illi s-sentenza tal-Bord, li akkordat l-iżgumbrament tal-kerrej fuq talba simili, hija appellabbli, jekk il-kwistjoni tan-nullità jew le tat-talba ma ġietx sollevata quddiem il-Bord, u ebda deċiżjoni dwarha ma hemm fis-sentenza tal-Bord. Nullità ritwali simili tat-talba, per sè, ma ġġibx in-nullità tas-sentenza.*

*Bil-fatt li l-Bord jordna l-iżgumbrament tal-kerrej f'każ simili ma jiġix illi l-Bord xolja rilokazzjoni li tkun in korso, iżda biss impedixxa li wara t-tmiem tagħha ssir rilokazzjoni oħra.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-imsemmi Paolo Gatt nomine quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat ma jġeddidx il-lokazzjoni tal-garage numru 58 Psaila Street, Birkirkara, billi għandu bżonnu għall-użu proprju;

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tas-7 ta' Marzu 1961, li biha, fil-kontumaċja tal-imsemmi Giuseppe Vella, laqa' t-talba, u ta lill-istess Vella ż-żmien ta' xahar biex jiżgombra; bl-ispejjeż;

Rat ir-rikors li bih l-istess Vella appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata, billi jiġi deċiż illi t-talba tal-appellat hija nulla u irrita, u għalhekk għandha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

It-teżi tal-appellant hija illi t-talba tal-appellat quddiem il-Bord kienet irrita u nulla, għaliex fiha ma ġietx indikata d-data ta' meta kienet tagħlaq il-lokazzjoni allura korrenti — element dan li hu sostanzjali. Għalhekk, jgħid l-appellant is-sentenza tal-Bord li laqgħet dik it-talba tinvolvi punt importanti ta' dritt;

Għad illi kienet vera l-allegazzjoni tan-nullità tat-talba tal-appellat quddiem il-Bord, din il-Qorti ma hix ta' fehma illi b'daqshekk is-sentenza tal-Bord hi appellabbli. Dik il-

kwistjoni ma ġietx sollevata quddiem il-Bord, fejn l-appellat baqa' kontumaċi, u għalhekk fis-sentenza tal-Bord ma hemm ebda deċiżjoni fuqha. Dik is-sentenza ma għamletx ħaġ'oħra ħlief ikkonstatat il-kontumaċja tal-appellant, u applikat id-dispożizzjoni tal-liġi applikabbli għal każ simili (ara Vol. XXXIV-I-215, u Vol. XXXV-I-160). Nullità ritwali simili tat-talba, per sè, ma ġġibx in-nullità tas-sentenza; u infatti, l-appellant fir-rikors tal-appell ma jallegax in-nullità tas-sentenza tal-Bord għar-raġuni fuq imsemmija;

Kwantu għal dak li jgħid l-appellant fir-rikors tal-appell, illi bis-sentenza appellata l-Bord ġie xolja r-rilokazzjoni in korso, ħaġa li toħroġ mill-kompetenza tal-Bord, jiġi rilevat illi t-talba kienet biex ir-rikorrent ikun awtorizzat li ma jġeddidx il-lokazzjoni. It-talba l-oħra, li l-intimat jiġi ordnat jiżgombra fi żmien qasir u perentorju li jiġi għal hekk prefiss mill-Bord, hija konsegwenzjali tal-ewwel waħda; għalhekk, meta l-Bord laqa' t-talba, hu ma setgħax xolja l-lokazzjoni li kienet korrenti, iżda biss impedixxa li wara t-tmiem tagħha ssir rilokazzjoni oħra;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti mhix ta' fehma illi s-sentenza tal-Bord hi appellabbli, u għalhekk tiddikjara l-appell irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-appellant.